FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' MARZU 2002

PULIZIJA
SUPT NICHOLAS CIAPPARA
VS
JASON AZZOPARDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jason Azzopardi ta' 27 sena iben Mario u Doris nee Attard, imwieled il-Pieta fit-30 t'Ottubru 1970 u joqghod 53, Fuq Verdala, Bormla numru tal-karta tal-identita 474370M talli f'dawn il-gzejjer matul l-1995 kellu fil-pussess tieghu id-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghal importazzjoni jew ghall esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tal-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni id-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga Eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Odinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939, ghal kontroll Intern tad-Drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni id-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tal-Regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli sar ricediv skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), datati 2 ta' Gunju 1993, Awla B; 10 ta' Jannar 1994 Awla 3; 21 ta' Novembru 1997 Awla 14; u 5 ta' Frar 1998 Awla 15, u mill-Qrati tal-Appell datati 16 ta' Marzu 1993 u 30 t'April 1993.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-seduta fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Illi fis-seduta tal-14 ta’ Novembru 2001 il-Qorti giet infurmata li l-imputat miet fil-mori tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta’ Marzu 2002 gie esebit ic-certifikat tal-mewt tal-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara il-Procediment Istint.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.